# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Settembru 2001**

**Avviz numru 258/98**

**Numru 29**

**Tabib Principali tal-Gvern**

**vs**

**Dr Tonio Mallia LL.D. kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lil assenti Mary Grace Millburn nominat b'digriet tas-26 ta' Awissu 1997**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut nomine jghid il-ghaliex ma ghandux jkun kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' mitejn hamsa u hamsin lira Maltija u sbatax il-centezmu (Lm255.17,0) dovuta kwantu ghal Lm55.17 bhala hlas zejjed f'salarju u Lm200 bhala penali wara li Mary Grace Millburn irrizenjat minn kors ta' tahrig ghal assistenti tas-Sahha bi ksur ta' kuntratt pubbliku minnha adiz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine (fol 2 tal-atti) li biha eccepixxa:

1. Illi l-esponenti mhux edott mill-fatti tal-kaz u, ghalhekk, jirriserva li jressaq l-eccezzjonijiet tieghu fi stadju ulterjuri, f'kull kaz, pero', irid jigi esebit kopja tal-ftehim iffirmat bejn iz-zewg partijiet u trid issir il-prova ta' kif dan il-ftehim inkiser.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, sallum, il-konvenut nomine ma gabx quddiem il-Qorti xi prova sabiex jindika, fil-kwalita' tieghu premessa bhala kuratur deputat in rappresentanza tal-assenti Mary Grace Millburn, ghaliex l-ammont pretiz fl-avviz ma hux dovut.

Illi, da parte tieghu, l-attur ippresenta kopja legali tal-att pubbliku relattiv ghal dan il-kaz (ara fol 7 sa 9 tal-atti) kif ukoll ipproduca bhala

xhud lil Emanuel Caruana (fol 22 u 23 ibid) li kkonferma, bil-gurament, li l-ammont mitlub bl-avviz kien dovut mill-konvenut nomine oltre li spjega x'kienu r-ragunjiet ghaliex l-istess ammont kien dovut.

Ikkunsdirat

Illi, fid-dawl tal-provi kif esposti, l-ammont pretiz fl-avviz hu dovut, effettivament mill-konvenut nomine lill-istess attur.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm255.17,0 bl-imghax legali mit-13 ta' Frar 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Dep.Reg